# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________________ **TOTAL:** ____ / **100** **marka**

**Klassi:** ________________

**A. Kompli s-sentenzi hawn taħt billi tagħmel sinjal (✓) ħdejn it-tweġiba t-tajba. Ara l-eżempju.** **(4 x marka = 4 marki)**

**Eżempju:** Alla hu spirtu għax

| | |
|---|---|
| itir. | |
| jidher biss fid-dlam. | |
| ma nistgħux narawh. | ✓ |
| jarawh biss il-qassisin. | |

1. L-akbar rigal li tana Alla huwa

| | |
|---|---|
| l-anġlu kustodju. | |
| San Pawl. | |
| San Ġużepp. | |
| Ġesù Kristu. | |

2. Naraw kemm Alla hu tajjeb u qaddis

| | |
|---|---|
| mis-santi. | |
| mill-kwadri li naraw fil-knejjes. | |
| mill-imħabba kbira li biha jħobb lil kulħadd. | |
| mill-istatwi tal-knisja. | |

3. Ġesù wera kemm iħobb lill-bnedmin, l-aktar lil dawk li kienu fil-bżonn

| | |
|---|---|
| meta għamel il-mirakli. | |
| meta rrakkonta l-parabboli. | |
| meta ntilef fit-tempju. | |
| meta deher ma' Elija. | |

4. Il-qima tagħna biex togħġob lil Alla trid tkun

| | |
|---|---|
| nhar ta' Ħadd. | |
| ma' Kristu, fi Kristu, bi Kristu. | |
| fil-knisja. | |
| mingħajr dnub. | |

**B. Qabbel kelma minn kolonna A mat-tifsira tagħha f'kolonna B.**
**Ara l-eżempju.** **(6 x marka = 6 marki)**

| Kolonna A | | Kolonna B | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Missal | | Dawk li jħobbu 'l Alla u jgħixu kif irid Hu |
| 2. | Qaddisin | | Żmien ta' penitenza qabel il-festa ta' l-Għid |
| 3. | Randan | **1.** | Il-ktieb li jintuża waqt il-quddiesa |
| 4. | Ġesù | | Nies li jxandru lil Ġesù barra minn pajjiżhom |
| 5. | Missjunarji | | Mibnija fuq it-tagħlim ta' l-Appostli |
| 6. | Sinagoga | | It-tieni persuna tat-Trinità Mqaddsa |
| 7. | Appostolika | | Post fejn il-Lhud iqimu 'l Alla |

**Ċ. Qabbel u ikteb fil-kaxex ta' taħt.**
**Ara l-eżempju.** **(10 x marka = 10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| ~~Il-Milied~~ | 10 ta' Frar | Il-martirju ta' l-Appostli f'Ruma |
| San Pawl | 29 ta' Ġunju | ~~It-Twelid ta' Ġesù~~ |
| San Pietru u San Pawl | ~~25 ta' Diċembru~~ | Il-bidu tal-knisja f'Malta |
| Santa Marija | 50 jum wara l-Għid | It-tnissil bla tebgħa ta' Marija |
| Il-Kunċizzjoni | 15 ta' Awwissu | L-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli |
| Pentekoste | 8 ta' Diċembru | It-tlugħ ta' Marija fis-sema |

| **Il-Milied** | **25 ta' Diċembru** | **It-Twelid ta' Ġesù** |
|---|---|---|
| San Pawl | | |
| San Pietru u San Pawl | | |
| Santa Marija | | |
| Il-Kunċizzjoni | | |
| Pentekoste  | | |

**D.**

**L-Avvent hu żmien ta' tħejjija għall-Milied.**

**Kif għandna nippreparaw biex niċċelebraw il-Milied bħala nsara?**

**Agħti tliet eżempji.** **(3 x 2 marki = 6 marki)**

1. ______________________________

2. ______________________________

3. ______________________________

**Il-Milied hu festa kbira għall-insara.**

**Ikteb żewġ drawwiet insara marbutin mal-Milied f'Malta.**

**(2 x 2 marki = 4 marki)**

1. ______________________________

2. ______________________________

**E. Wieġeb.** **(10 marki)**



1. Kif wieġbet Marija meta l-Anġlu Gabriel qalilha li se tkun Omm Alla? (3 marki)

______________________________

2. Marija qalet, "Dak li jista' kollox, għamel miegħi ħwejjeġ kbar."
X'għamel kbir Alla ma' Marija?
Agħti żewġ eżempji. (2 x 2 marki = 4 marki)

______________________________

______________________________

3. Meta nagħtu ġieħ lill-Madonna nkunu qegħdin ukoll ______________________________

______________________________. (3 marki)

**F.**



**Din l-istampa turi l-Maġi ħdejn Ġesù.**
**Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha.**
**(10 marki)**

1. Il-Maġi ġew (mil-Lvant, mill-Palestina, mill-Eġittu).
2. Permezz ta' (mappa, kewkba, tromba) huma sabu l-post fejn twieled Ġesù.
3. Il-festa ta' meta l- Maġi sabu lil Ġesù tissejjaħ il-festa (tal-Lhud, ta' l-Epifanija, ta' l-Irxoxt).
4. L-Ispirtu s-Santu jagħtina l-qawwa biex inkunu xhieda li nwasslu bnedmin oħra għand Ġesù fis-sagrament tal- (Magħmudija, Griżma ta' l-Isqof, Qrar).

(4 x marka = 4 marki)

**Wieġeb.**

5. X'għamlu l-Maġi meta sabu lil Ġesù?

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Kif tista' int ixxandar lil Ġesù fost sħabek tal-klassi?

_______________________________________________

_______________________________________________

(2 x 3 marki = 6 marki)

**Ġ. Il-qaddisin jagħtuna eżempju tajjeb.**
**Kif nistgħu nimitaw lil dawn il-qaddisin fil-ħajja tagħna llum?**
**(5 x 2 marki = 10 marki)**

**Eżempju:** San Martin ta parti mill-mantell tiegħu lil wieħed fqir.
Nimitaw lil San Martin billi **<u>ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn</u>**.

1. **San Duminku Savio** kien iwaqqaf it-tfal mill-ġlied.

   Nimitaw lil San Duminku Savio billi _______________________________

   _______________________________________________.

2. **San Ġustinu** ma beżax jgħid li hu nisrani meta riedu joqtluh.
   Nimitaw lil San Ġustinu billi ________________________________________________
   ______________________________________________________________________.

3. **San Franġisk** kien iħobb 'l-annimali u 'l-għasafar.
   Nimitaw lil San Franġisk billi ________________________________________________
   ______________________________________________________________________.

4. **Mother Teresa kienet tgħin tfal li ħaddieħor kien iwarrabhom.**
   Nimitaw lil Mother Teresa billi ______________________________
   ________________________________________________________.



5. **Dun Ġorġ Preca** ried li t-tfal jitgħallmu fuq Alla u jħobbuh.
   Nimitaw lil Dun Ġorġ Preca billi ____________________________________________
   ______________________________________________________________________.

## G. Lil Alla ma narawhx.
## Kif nistgħu insiru nafu dwar Alla: **(10 marki)**

**Eżempju:** mill-istudju tax-xjenza? Il-preċiżjoni tal-ħolqien turi l-għerf t'Alla.

1. mill-istorja ta' Ġob fil-Bibbja? (3 marki)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

2. minn dak li qal Ġesù dwar l-għasafar ta' l-ajru? (3 marki)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

3. minn dak li kiteb Isaija fil-Bibbja? (4 marki)

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

**GĦ. Alla tagħna jħobbna u jieħu ħsiebna.**
**Kif tista' inti turi li tħobb lil Alla bl-imġiba tiegħek?** **(5 x 2 marki =10 marki)**

**Eżempju:** ma' dawk li jieħdu ħsiebek **<u>nobdihom, inħobbhom u nirrispettahom</u>.**

1. ma' tfal bi bżonnijiet speċjali

_______________________________________________

2. waqt il-logħob

_______________________________________________

3. ma' l-anzjani

_______________________________________________

4. ma' min jagħmillek xi ħsara

_______________________________________________

5. fil-knisja

_______________________________________________



**Ħ.** “***Alla minn Alla, Dawl minn Dawl, Alla veru minn Alla veru***”
**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.** **(10 marki)**

1. F’liema talba fil-quddiesa nistqarru dan il-kliem?
   (Fil-Missierna, Fil-Glorja, Fil-Kredu) (2 marki)

2. Lil min inkunu qegħdin nistqarru bħala ***Alla minn Alla***?
   (Lil Alla l-Missier, Lil Ġesù, Lill-Ispirtu s-Santu) (2 marki)

3. **Imla l-vojt f’din it-talba li jgħid is-saċerdot waqt magħmudija hekk kif imiss l-ilma b’idu.** (6 x marka = 6 marki)



Nitolbuk Mulej, biex il-qawwa ta’ l- __________________ _____________,

permezz ta’ Ibnek ______________ ___________,

tinżel fl- _______________ ta’ dan il-fonti,

ħalli dawk kollha li bil-magħmudija jindifnu fil-mewt ma’ Kristu,

iqumu miegħu għal _______________ ġdida.

**H. Ħares lejn l-istampa.** **(10 marki)**



**Imla l-vojt.**

1. L-istampa turi lil Ġesu qed jitgħammed minn Ġwanni l-Battista fix-________________ Ġordan. (marka)

2. Meta l-Lhud staqsew lil Ġwanni min kien, hu wieġeb, "Jien ____________ ta' wieħed jgħajjat fid- __________________." (2 marki)

3. San Ġwann Battista ħejja t-triq għal Ġesù.
   Kif ried li jippreparaw ruħhom għal Ġesù dawk li kienu jisimgħuh?
   Agħti żewġ eżempji. (2 marki)

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

4. X'wegħdu f'isimna l-ġenituri u l-parrinijiet waqt il-magħmudija? (3 marki)

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

5. Agħti eżempju mill-ħajja tiegħek kif int tħares dawn il-wegħdiet. (2 marki)

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________